RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 24**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa' nhar**
**It-Tlieta 4 ta' Settembru 2012 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin |
| Il-Profs. Anthony Grixti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.45 p.m.

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 23**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 23 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-minuti ġew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 23

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A 23**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

3.00 **Punti li joħorġu mill-Minuti A 23**

3.01 3.01 Is-Sur Lino Pace Bonello irrimarka dwar il-fatt li l-Korporazzjoni Enemalta għadha ma tagħtniex stima ta' dan ix-xogħol. Huwa qal li dan huwa tul eżaġerat u għaldaqstant talab li ssir pressjoni fuq il-Korporazzjoni Enemalta. Issekonda Tneħħija ta' tlett arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia.

3.02 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li x-xogħol fuq din il-bankina tlesta. Il-pass li jmiss huwa li tiġi ċċertifikata t-tieni skema mill-Perit tal-Kunsill. Hija nfurmat il-laqgħa li waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol fuq din il-bankina, il-kuntrattur tal-Kunsill laqat 'cable' u għaldaqstant għad m'għandniex informazzjoni dwar kemm hi l-ispiża globali tat-tieni skema.

Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi

3.03 3.04 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgħa li din il-ġiebja kienet giet imbattla wara l-intervent tal-ispettur tas-Sanità.

Nemus fi Triq A. Curmy

3.04 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li għaddejna t-talba tagħna lid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Żbir tas-siġar ta' taħt il-*belvedere*

3.05 5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li saret applikazzjoni mat-Transport Malta iżda għad ma rċevejniex risposta.

*Traffic Calmer* fi Triq C Fiamingo

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Il-Profs. Grixti Soler ġibed l-attenzjoni li bankina bil-*paving blocks* li tinsab quddiem 'Rose Cottage' fi Triq Carlo Fiamingo k/m Triq Godwin Ganado ssewwiet bil-konkos. Ġie deċiż li din terga tissewwa però bil-*precast paving blocks*.

Tranġar ta' bankina Triq Carlo Fiamingo

5.02 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li l-arbuxelli li kienu ħerġin għal fuq il-bankina fi Triq Ġużeppi Caruana k/m Triq Godwin Ganado issa nżabru.

Żbir ta' arbuxelli

5.03 Is-Sur Christopher Farrugia talab li jinbidel *stop sign* fi Triq Alessandro Curmy peress li ddeterjora.

Bdil ta' *stop sign*

5.04 Il-Profs. Grixti Soler informa l-laqgħa li t-tabelli tal-ħmieġ tal-klieb li qed inwaħħlu qed jiġu maqlugħa minn xi vandali. Għaldaqstant huwa ppropona li jiġu ordnati tabelli aktar b'saħħithom u dawn għandhom jitwaħħlu f'kull triq f'tal-Virtù.

Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb

Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| 5.05 | Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li hemm xi ħitan tas-sejjieħ imġarrfa fi Triq tal-Virtù n-naħa tas-Seminarju. Dawn il-ħitan qed iżommu t-triq u għaldaqstant iridu jissewwew mill-Kumitat Amministrattiv. | Tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ |
| 5.06 | Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li diversi residenti qed jilmentaw li l-knis f'ċertu toroq mhux qed isir. Dan b'mod speċjali fi Triq Francesco Azopardi. | Knis ta' toroq |
| **6.00** | **Diskussjoni dwar il-finanzi** | |
| 6.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u spjegat il-'management accounts' għall-ewwel sitt xhur tas-sena (Jannar – Ġunju 2012) liema 'management accounts' jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. | Diskussjoni dwar il-finanzi |
| **7.00** | **Aġġornament** | |
| 7.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-9 ta' Ottubru 2012 fis-6.30 p.m. | Aġġornament |
| 7.02 | Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. | |

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

Administrative Committee Tal-Virtu'

Management Accounts
for the period ended
30 June 2012

Table of Contents


| | Pages |
|---|---|
| Statement of Income and Expenditure | 1 |
| Notes to the Financial Statements | 2 - 3 |

## Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 1st January 2012-<br>30th June 2012<br>( 6 months) |
|---|---|---|
| | | € |
| **Income** | | |
| Funds received from central government | 1 | **28,724** |
| **Expenditure** | | |
| Operations and Maintenance | 2 | **15,040** |
| Administrative and other Expenditure | 3 | **4,386** |
| | | **19,426** |
| **Surplus for the period** | | **9,298** |

# Notes to the Financial Statements
# For the period ended 30 June 2012

## 1. Funds Received from Central Government

| | 1st January 2012-30th June 2012 ( 6 months) € |
|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | 28,724 |

## 2. Operations and Maintenance

| | 1st January 2012-30th June 2012 ( 6 months) € |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and street pavements | 480 |
| Repair and plant and equipment | 212 |
| | 692 |

| | 1st January 2012-30th June 2012 ( 6 months) € |
|---|---|
| **Contractual Services:** | |
| Refuse collection | 6,803 |
| Road and street cleaning | 3,990 |
| Bulky Refuse | 472 |
| Waste Disposal | 2,265 |
| Cleaning and Maintenance of Non-Urban Roads | - |
| Other contractual services | 818 |
| | 14,348 |
| | 15,040 |

## 3. Administration and other expenditure

| | 1st January 2012- 30th June 2012 ( 6 months) € |
|---|---|
| Professional services | 125 |
| Lease of equipment | 24 |
| Advertising | 80 |
| Utilities | 304 |
| Executive salary and employees' salaries | 3,853 |
| | 4,386 |